



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0371 (COD)

15727/22
ADD 1 REV 1

ECOFIN 1291
RELEX 1682
NIS 35
FIN 1312
COEST 893
CODEC 1944

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb ta' ftehim bikri fit-tieni qari mal-Parlament għall-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)
- Abbozz tad-Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fid-9 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) (Strument tal-AMF+)¹. L-objettiv ġenerali tal-Istrument tal-AMF+ huwa li jipprovdi għajjnuna finanzjarja b'terminu qasir b'mod prevedibbli, kontinwu, ordnat u f'waqtu, finanzjament tar-riabilitazzjoni u appoġġ inizjali għar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, fejn xieraq, bil-ħsieb li l-Ukrajna tiġi appoġġata fi triqitha lejn l-integrazzjoni Ewropea.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-Istrument tal-AMF+ fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tiegħu tal-24 ta' Novembru 2022² mingħajr ebda emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.
3. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-Istrument tal-AMF+ propost fil-laqgħat tiegħu tal-15 ta' Novembru 2022 u t-8 ta' Diċembru 2022 u qabel li jintroduċi emendi għall-proposta tal-Kummissjoni³.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva fid-[9] ta' Diċembru 2022 il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u ssuġġeriet lill-Kunsill għall-adozzjoni.
5. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-[10] ta' Diċembru 2022, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 TFUE⁴.

¹ Dokument ST 14562/22.

² Dokument PE-CONS 63/22.

³ Dokument 15231/22.

⁴ Dokument 15727/22

II. OBJETTIV

6. Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093⁵ (Regolament QFP) bħalissa ma jippermettix il-kopertura tal-obbligazzjoni finanzjarja li tirriżulta minn self fi ħdan dan l-Istrument tal-AMF+. Din hija r-raġuni għaliex il-proposta għal Strument tal-AMF+ kienet parti mill-pakkett ta' proposti dwar il-finanzjament tal-appoġġ lill-Ukrajna, flimkien mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament QFP⁶ u l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ta' teħid b'self ġenerali⁷.

Billi jidher li mhuwiex possibbli li l-emenda proposta għar-Regolament QFP tiġi adottata f'waqtha biżżejjed biex tippermetti l-kopertura tal-obbligazzjoni finanzjarja li tirriżulta mis-self taħt l-Istrument tal-AMF+ kif propost mill-Kummissjoni, huwa xieraq li tinstab soluzzjoni alternattiva li tippermetti żborżi rapidi tal-fondi lill-Ukrajna.

7. Il-kontribuzzjonijiet volontarji mill-Istati Membri fil-forma ta' garanziji ġew identifikati bħala għodda xierqa biex tiġi pprovduta l-protezzjoni li tippermetti l-operazzjonijiet ta' għoti u teħid ta' self skont l-Istrument tal-AMF+. Il-garanziji tal-Istati Membri jikkostitwixxu salvagwardja xierqa li tiżgura l-kapaċità tal-Unjoni li tħallas lura t-teħid ta' self li jappoġġa s-self. Tali garanziji volontarji jjeqfu jkunu eżerċitabbli mid-data tal-applikazzjoni ta' emenda għar-Regolament QFP, jew is-suċċessur tiegħu, li tipprevedi garanzija tas-self fl-ambitu tal-Istrument tal-AMF+ taħt il-baġit tal-Unjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP u sal-limiti massimi msemmijin fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

⁶ Dok. 14442/22.

⁷ Dok. 14443/22.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

8. Il-Kunsill introduċa emendi għall-Artikolu 4 u introduċa żewġ Artikoli ġodda [4a][5] u [4b][6]. Ir-raġunament għall-modifiki huwa spjegat fil-premessi ġodda [29a][30] sa [29g][36].

(a) Appoġġ disponibbli taħt l-Istrument (Artikolu 4)

9. L-appoġġ taħt l-Istrument tal-AMF+ isir disponibbli progressivament, hekk kif il-garanziji tal-Istati Membri jkunu daħlu fis-seħħ, mingħajr ma jinqabżu l-ammonti koperti minn dawk il-ftehimiet ta' garanzija. Madankollu, ir-rekwiżit li l-appoġġ isir progressivament disponibbli ma jibqax japplika mid-data tal-applikazzjoni ta' emenda għar-Regolament QFP, jew is-suċċessur tiegħu, li tipprevedi garanzija tas-self fl-ambitu tal-Istrument tal-AMF+ taħt il-baġit tal-Unjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP u sal-limiti massimi msemmin fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053.

(b) Garanziji mill-Istati Membri (Artikoli [4a][5] u [4b][6])

10. L-Artikolu [4a][5] jipprevedi possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdu garanziji irrevokabbli, mingħajr kondizzjonijiet u fuq talba sa ammont totali ta' EUR 18-il biljun fir-rigward tal-appoġġ taħt l-Istrument tal-AMF+ fil-forma ta' self. Is-sehem relattiv tal-kontribuzzjoni tal-Istati Membri jkun jikkorrispondi għall-koeffiċjent tal-ING.
11. L-Artikolu [4b][6] jistipula l-elementi ewlenin tal-ftehimiet ta' garanzija li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

IV. KONKLUŻJONI

12. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, filwaqt li żżomm il-proposta inizjali tal-Kummissjoni, iġġib elementi addizzjonali li jippermettu żborż f'waqtu tal-appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna, kemm sakemm tiġi adottata l-emenda rilevanti għall-QFP kif ukoll mid-data tal-applikazzjoni ta' tali emenda.
-